MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 98/2004

**Il-Puluzija**
**(Spt. Kevin Farrugia)**
**(Spt. Simon Galea)**
**Vs**

**Johann Sultana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Istruttorja talli :**

**1) nhar il-25 ta' Marzu, 2002 ghall-habta ta' l-11.00 a.m. fl-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku w cioe' kontra l-Ispettur Kevin Farrugia, l-Pulizija 1017 Joseph**

**Sammut gewwa l-ghassa waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u dan ai termini tal-artikolu 96 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**2) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' l-Ispettur Kevin Farrugia, PC 426 A. Portelli u PC 1017 Joseph Sammut u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**3) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu Ispettur Kevin Farrugia, il-Pulizija PC 1066 Antoine gullmier, PC 1017 Joseph Sammut u PC 426 A. Portelli waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkielhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan ai terminu tal-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**4) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat gewwa l-ghassa tal-Hamrun u dan ai terminu tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**5) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha u dan ai terminu tal-artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**6) u aktar fl-istess data, hin u cirkostanzi kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' l-ispettur Kevin Farrugia kif iccertifika Dr. S. Cilia M.D. (2432) tal-Klinika tal-Furjana u dan bi ksur tal-artikolu 221 (1)(2) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**7) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa l-ghassa tal-Hamrun volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-danni tal-Gvern ta' Malta (uniformi tal-Pulizija) u dan ai terminu tal-artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**8) talli kiser il-kundizzjonijiet mposti fuqu minn din il-qorti tal-Magistrati diversament preseduta f'sentenzi datati :**

**(a) fl-10 ta' Mejju 1999 meta kien gie misjub hati ta' reat u gie mehlus b'kundizzjoni ghal zmien tlett snin (Sec 9 Chap. 152);**
**(b) fis-17 ta' Frar, 2000 meta kien gie misjub hati ta' reat u gie mehlus b'kundizzjoni ta' tlett xhur habs sospizi ghal sena;**
**(c) fit-30 ta' Mejju, 2000 meta kien gie misjub hati ta' reat u gie mehlus b'kundizzjoni ta' sena habs sospiza ghal sentejn;**
**(d) talli kiser il-kundizzjonijiet ta' l-artikolu 5 tal-Att XII tal-1957 meta kien gie misjub hati ta' reat u gie mehlus b'kundizzjoni ghal tlett (3) snin taht is-supervizzjoni ta' probation officer, id-data tas-sentenza tas-27 ta' Novembru, 2001;**
**(e) u aktar talli fis-6 ta' Dicembru, 2001 kien gie mehlus b'kundizzjoni ghal tlett (3) xhur sospizi ghal sentejn, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jinbidlu;**

**9) u aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, datati 28 ta' Novembru, 2000 w 12 ta' Settembru, 2001, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu, 2004, li biha wara li rat l-Artikoli 49, 50, 95, 96(1)(a), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342, 221 (1)(2) u 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv u b'eccezzjoni tat-tmin akkuza, mill-liema akkuza lliberatu w ikkundannatu komplesivament ghal piena karcerarja ta' sentejn.**

**Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 t'April, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-esponent mint-tmin akkuza filwaqt illi thassaraha w**

**tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern.**

**Fliet l-atti kollha processwali;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tal-lum;**

**Rat il-verbal li bih Dr. Franco Debono ghall-appellant iddikjara li mhux qed jinsisti dwar l-aggravju dwar xi irregolarita' procedurali li setgha kien hemm quddiem l-Ewwel Qorti w li kien qed jillimita' l-appell tieghu ghall-aggravju dwar il-piena;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w d-Difiza;**

**Ikkonsidrat,**

**Illi l-appellant instab hati fuq ammissjoni tieghu t'attakk u resistenza ta' Spettur tal-Pulizija u Pulizija, talli hedded diversi Pulizija li kienu inkarigati minn servizz pubbliku, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, kiser il-buon ordni gewwa l-ghassa l-Hamrun, qal kliem oxxen u dagha, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-Ispettur Kevin Farrugia u danni volontarji gewwa l-ghassa tal-Hamrun. Barra minn hekk huwa fuq ammissjoni instab hati li kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-**

**Qorti tal-Magistrati b'diversi sentenzi fejn anki kien inghata sentenzi sospizi ta' prigunerija w ksur ta' probation orders.**

**Inoltre gie ukoll akkuzat li sar recidiv u nstab hati ta' hekk;**

**Illi l-Qorti qieset il-kondotta ghall-kollox refratarja ta' l-appellant li minnha jidher li huwa nstab hati hafna drabi ta' diversi reati ta' serq, li hebb ghal diversi**

**persuni inkluz missieru w dan ghal diversi drabi, frodi, reati li ghandhom x'jaqsmu mat-traffiku, u ruxmata reati ripetuti ta' glied ma' diversi persuni fosthom diversi ufficjali tal-Pulizija w li l-fedina penali tieghu qisu faxxiklu mdaqqas. Inghata sentenzi ta' prigunerija sospizi ghal seba' darbiet u kellu sentenza sospiza estiza f'okkazzjoni wahda. Inoltre gie anki kkundannat ghal perjodu ta' detenzjoni w diversi multi apparti li nstab hati li kien recidiv;**

**Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li hu l-kaz ta' temperament fil-piena ghaliex l-appellant diga' nghata opportunitajiet aktar minn bizzejjed biex jirriforma ruhu minn diversi Qrati w l-Ewwel Qorti gustament iritteniet li fl-ahhar kien wasal iz-zmien li hu jaghmel il-kontijiet tieghu mal-gustizzja w mas-socjeta';**

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------